# QORTI TA' L-APPELL

## (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Avviz Nru. 1790/99 MM**

**Dr. Paul Borg Olivier**

**vs**

**Paul Debono**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

**L-AVVIZ PROMOTORJU**

1. L-attur ipprezenta avviz fid-9 ta' Dicembru, 1999, fejn talab lill-Qorti tal-Magistrati tikkundanna lill-appellat ihallas is-somma ta' erba' mija u tmienja u disghin lira maltin u ghoxrin centezmu rapprezentanti danni subiti minnu fuq il-vettura tieghu ta' ghamla Toyota Tercel, bin-

numru ta' registrazzjoni IBB 217 f'incident awtomobilistiku li sehh fit-13 ta' Dicembru, 1997 fi Triq San Pawl, Valletta, u li l-appellat huwa unikament responsabbli ta' tali incident wara li bi traskuragni u nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti tat-traffiku habat fil-vettura waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni HAB 978, waqt li l-vettura ta' l-appellant kienet ipparkeggjata, prevja dikjarazzjoni jekk hemm bzonn li ghall-habta kien unikament responsabbli l-appellat. Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' l-avviz lis-socjeta' assikuratrici tal-konvenut u kontra l-konvenut.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT</u>**

2. Il-konvenut eccepixxa li t-talbiet ta' l-apellant huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ghall-incident *de quo* kien unikament responsabbli l-istess appellant stante imperizja, negligenza, traskuragni, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

32. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'sentenza taghha tat-3 ta' Lulju, 2000, cahdet it-talba ta' l-attur appellant bl-ispejjez kontra tieghu.

## L-APPELL TA' L-ATTUR

4. L-attur hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u interpona appell fuq l-aggravju segwenti:-

> "Illi l-ewwel Qorti kkunsidrat li 'f'materja ta' kollizjonijiet fost affarijiet ohra, l-attur irid l-ewwel nett jaghmel il-prova illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni kien gara b'tort tal-konvenut. Din il-prova trid issir dejjem ghaliex minghajrha l-istanza attrici ma jistax ikollha success".
>
> Illi l-istess Qorti rriteniet li "Ma hemm xejn mill-atti tal-process li jista' jaqleb il-mizien favur naha jew ohra. Lanqas l-iskizz esebit mis-surgent u l-okkorrenza ma tista' titfa xi dawl. Din ta' l-ahhar tirrilfetti l-verzjonijiet moghtija mill-partijiet f'din il-kawza".
>
> Illi l-appellant ma jistax jaqbel mal-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti kif ibbazata fuq il-konsiderazzjonijiet li ghamlet proprju ghaliex mill-istess korp tal-provi rrizulta b'mod car li l-incident awtomobilistiku gara b'tort ta' l-appellat.
>
> Illi minbarra x-xhieda ta' l-appellant stess, xehed ukoll is-surgent li rrapporta l-kaz u ghamel l-iskizz. Jidher car fl-okkorrenza li *a tempo vergine,* meta huwa ha l-verzjoni tal-partijiet fuq il-post ta' l-incident, l-appellat ikkonferma mieghu li l-appellant kien diehel fil-karozza. Fil-fatt l-okkorrenza tghid testwalment:
>
> "*Mistoqsi mill-pulizija x-xufier tal-vettura numru HAC 978 qal li kien niezel Triq San Pawl meta xufier tal-vettura ibb 217 fetah il-bieba u dahal fih....".*
>
> Illi din il-verzjoni tal-konvenut mhux biss tikkorrobora il-verzjoni ta' l-appellant stess li xehed li l-incident gara meta huwa gie biex jidhol fil-karozza, ra li ma kienux gejjin karozzi kontra tieghu, fetah il-bieba, pogga xi oggetti fuq id-driver seat u dahal fil-karozza, izda tipprova wkoll li l-appellat stess ra il-manuvri li kien qed jaghmel l-appellant u minflok ma waqqaf il-vettura li kienet f'moviment baqa' isuq biex jipprova jghaddi u b'hekk gara l-incident.

Illi minn dak li qal l-appellat lill-pulizija u minn dak li xehed quddiem il-Qorti jindika car li jekk l-appellat ra il-manuvra ta' l-appellant jiftah il-bieba u jpoggi fid-driving seat, kif mhux kontestat minnu, allura juri bic-car li dawn il-manuvri rahom isiru minn distanza mhux tant vicina u ghaldaqstant bhala sewwieq ta' vettura li kienet miexja (versu l-karozza ta' l-appellant li kienet wieqfa) l-appellat kellu jqis sewwa s-sewqan tieghu. Dan jindika negligenza u traskuragni da parti ta' l-istess appellat li jwassal ghal htija fl-incident awtomobilistiku.

Illi inoltre l-appellat qatt ma jista' jghid li l-appellant kien qed jiftah il-bieba biex l-appellant johrog mill-vettura kif pprova jpingi quddiem l-Ewwel Qorti kwazi sentejn mill-incident. Din hija difiza facli ghaliex forsi tista' tinverti r-responsabilita'. Izda din il-verzjoni ddghajjef xi ftit il-kredibiita' ta' l-istess appellat ghaliex ma kienetx il-verzjoni li ta lill-pulizija kif gara l-incident.

Illi mill-banda l-ohra l-verzjoni ta' l-appellant kienet konsistenti kemm *a tempo vergine* kif ukoll waqt il-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi di piu' is-surgent ikkonferma fix-xhieda tieghu l-verzjoni li ta l-appellat ezatt wara l-incident.

Illi ghalhekk u minn dak kollu suespost jirrizulta b'mod car li l-appellant ipprova t-talba tieghu b'mod sodisfacenti u konvincenti li tirrikjedi l-ligi u ghaldaqstant mhux responsabbli ghal tali incident.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-appellant umilment jissottometti li f'kaz li l-Ewwel Qorti ma setghetx issib responsabilita' kompleta da parti ta' l-appellat ghall-incident awtomobilistiku setghet ukoll tasal ghal xi forma ta' responsabilita' proporzjonali da parti ta' l-appellat li minkejja li kellu vizjoni cara tat-triq waqt li kien qed isuq, huwa ma ghamel xejn biex jigi evitat tali incident.

Ghaldaqstant l-attur appellat talab li din il-Qorti jghogobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Lulju, 2000 u tilqa t-talbiet ta' l-attur appellant bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat jew fin-nuqqas ta' dan, l-apellant talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata tat-3 ta' Lulju, 2000, billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur appellant limitatament ghal rati proporzjonali ta' responsabilita' ta' l-appellat ghall-incident awtomobilistiku tat-13 ta' Dicembru, 1997".

**Ir-risposta tal-konvenut appellat**

5. L-appellat wiegeb hekk:-

"(i) Illi s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fit-3 ta' Lulju, 2000, hija gusta u timmerita konferma.

(ii) Illi huwa principju bazilari fid-dritt nostrali li 'onus probandi incubit ei qui dixit non ei qui negat". Dan il-principju jgib l-applikazzjoni proprja tieghu fis-sentenza kbira ta' l-ewwel Onorabbli Qorti. Ma kienet disponibbli l-ebda alternattiva ghall-annuncjazzjoni gusta minn dik li minnha sar l-odjern appell.

(iii) Illi l-attur appellat ma jistax iskarga fuq l-esponent id-doveri li kien jinkombi fuqu. Kien l-istess appellant li naqas li jadopera d-debita attenzjoni u prekawzjonijiet meta fetah il-bieba tal-vettura tieghu. Jigi ribadit li fil-mument tal-habta l-vettura ta' l-appellant kienet parkeggjata filwaqt li dik ta' l-esponent kienet miexja. Ghalhekk kien jispetta lill-attur appellant li jara li meta jiftah il-bieba tal-vettura tieghu din ma tikkostitwix perikolu ghall-vetturi utenti fit-triq. Dan il-fatt mhux talli mhux ikun kontestat izda huwa konfermat mill-appellant stess.

(iv) Illi oltre dan huwa ben risaput u affermat fis-sentenzi nostrali li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fl-apprezament tal-provi prodotti quddiemha. F'dan is-sens, l-esponent jaghmel riferenza ghas-sentenza moghtija minn din l-istess Onorabbli Qorti fid-29 ta' Settembru, 2000, fil-kawza fl-ismijiet "Christopher Ellul u Simon Gatt", u ghas-sentenzi hemm indikati.

(v) Illi hija ferm interessanti t-talba ta' l-attur appellant li, apparti talab ir-revoka tas-sentenza, talab ukoll in linea sussidjarja l-applikazzjoni tal-kontributorjeta' da parti ta' l-appellat. Dan ifisser li sa fl-ahhar l-attur qed jaccetta ir-responsabilita' tieghu ghall-incident in ezami. L-esponent ma jistax jaqbel mat-tezi teighu li huwa ghandu jsofri xi parti minnha. Fl-ewwel lok, ghax l-esponent kien prudenti fis-sewqan tieghu – ben (sic) l-attur li kien kien negligenti. Fit-tieni lok, jigi ribadit li l-vettura ta' l-attur kienet wieqfa parkeggjata mentri dik ta' l-esponent li kienet qed tigi misjuqa. Ghalhekk l-esponent jaqbel ma' l-attur appellant li

> kull responsabilita' ghandha tigi addebitata unikament lill-attur appellant stess.
>
> Ghaldaqstant l-appellat issottometta lil din il-Qorti joghgobha tichad l-appell ta' l-attur appellant u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kotnra l-istess attur apellant".

**Is-sentenza ta' din il-Qorti**

6. L-aggravju ta' l-attur appellant huwa essenzjalment wiehed dwar evalwazzjoni skorretta u zbaljata tal-provi prodotti da parti ta' l-ewwel orti li dehrilha li rrinfaccjata b'zewg verzjonijiet kontrastanti, kien jinkombi maggorment fuq l-attur li jforni l-prova ta' dak li huwa allega fl-avviz promotorju tieghu.

7. Din il-Qorti tibda billi tosserva li ormai hija prassi stabbilita tal-Qorti ta' Appell li sakemm ma jkunx hemm raguni jew ragunijiet serji u gravi li jiddettaw xot'ohra, din il-Qorti kemm jista' jkun ma tiddisturbax dik l-evalwazzjoni u diskrezzjoni ezercitata mill-Qorti li quddiemha jkunu nstemghu u tressqu l-provi tal-partijiet.

Dan maghdud, f'kull kaz hu dejjem dmir ta' din il-Qorti li tezamina mill-gdid il-provi kollha akkwiziti fid-dawl tas-sottomissjonijiet tal-partijiet kontendenti.

8. Din il-Qorti jidhrilha li, a differenza ta' dak li gie kkostatat u eventwalment ritenut mill-Qorti tal-Magistrati, filwaqt li fid-deposizzjoni attrici hemm konsistenza u qbil ma' dak li xehed PS 1417 Stephen Tarpey li nvestiga l-habta, mhux l-istess jista' jinghad fir-rigwsard ta' partijiet mid-deposizzjoni li giet moghtija mill-konvenut appellat.

Fix-xhieda tieghu (fol 19-20 tal-process) il-konvenut inter alia xehed hekk:-

> "Jiena rajt il-bieba (tal-karozza ta' l-attur) tinfetah u fil-fatt jiena kont kwazi skapulajtu (lill-attur) ghax il-bieba tieghu habtet mal-mudguard tal-genb ta' quddiem tax-xellug.........
>
> .................. omissis..............
>
> L-attur kien qieghed fil-karozza dak il-hin.
>
> ..................omissis...............
>
> Il-bieba nfethet f'daqqa donna zelqitlu minn idejh.
>
> ..................omissis...............
>
> Lill-attur jiena ma rajtux diehel fil-karozza u rajtu hiereg biss".
>
> (Kliem in parentesi mizjud mill-Qorti ghall-fini ta' aktar kjarezza. Is-sottolinear hu wkoll tal-Qorti).

Illi meta xehed PS Tarpey u rrapporta dak li qal lilu l-konvenut, xehed li skond il-konvenut:

> "..........ix-xufier (i.e. l-attur) fetah il-bieba ta' din il-karozza u baqa diehel fih".

Fid-deposizzjoni tal-konvenut, il-Qorti thoss li dan ried jaghti l-impressjoni li l-attur kien hiereg mill-vettura tieghu – fatt li huwa l-oppost ta' dak li xehed dwaru s-Surgent Tarpey. Il-Qorti tinnota wkoll li certi dettalji li l-konvenut isemmi waqt id-deposizzjoni tieghu – u li ghandhom certa rilevanza dwar l-attenzjoni o meno ta' l-attur bhala sewwieq – ma jidhirx li gew rapportati mill-konvenut lis-Surgent meta dan kellmu biex jigbor il-fatti saljenti dwar il-kaz. Fil-fehma tal-Qorti, hemm provi bizzejjed biex juru li fil-fatt l-attur kien ghadu kemm dahal u mhux hiereg mill-vettura tieghu, u dana meta il-bieba ta' l-istess vettura ma kienetx ghadha maghluqa kollha.

9. Il-Qorti fic-cirkostanzi, jidhrilha li kien hemm htijiet reciproci attribwibbli liz-zewg sewwieqa. L-attur ma messu qatt holoq xkiel lill-"flow" tat-traffiku meta dan kien gja ostakolat b'vetturi pparkeggjati mal-genb tat-triq. Ma messu qatt caqlaq il-bieba tieghu qabel ma accerta ruhu li seta' jaghmel tali manuvra bla xkiel.

Min-naha l-ohra il-konvenut kien f'qaghda li jara dak li kien hemm quddiemu. Hu kien ra lill-attur fil-vettura tieghu u messu allura ra wkoll li l-bieba tan-naha tax-xufier kienet ghadha ma nghalqitx. Huwa messu uza aktar prudenza u ma baqax isuq 'il quddiem qabel ma accerta ruhu li l-access tieghu ma kienx b'xi mod ostakolat.

10. Il-Qorti ghalhekk jidhrilha li htijiet kien hemm fuq iz-zewg xufiera, b'dana pero' li l-htija ta' l-attur bhala utenti tal-vettura numru IBB – 217 kienet fi proporzjon akbar minn dik tal-konvenut. Il-Qorti jidhrilha li r-responsabilita' ghandha tigi spartita fil-proporzjoni ta' zewg terzi (2/3) attribwibbli bhala htija lill-attur u terz (1/3) attribwibbli lill-konvenut.

11. Billi d-danni li gew ikkagjonati lill-attur f'dana l-incident awtomobilistiku gie likwidat fl-ammont ta' Lm489.29c (erba' mija u tmienja u disghin lira maltin u disa' u ghoxrin centezmu), u dan hu wkoll jirrizulta assodat mill-provi li gew prodotti, dan mela jfisser li l-attur ghandu jbati l-ammont ta' LM326.20c, filwaqt li l-konvenut irid ihallsu l-ammont ta' Lm163.09 (mija u tlieta u sittin lira maltin u disa' centezmi).

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi tilqa' <u>in parte</u> l-appell ta' l-attur appellant  billi tirriforma u tvarja s-sentenza appellata moghtija fit-3 ta' Lulju, 2000, fil-kawza fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Magistrati kif fuq inghad u dan billi tiddikjara lill-attur responsabbli ghall-incident awtomobilistiku surreferit fi proporzjoni ta' zewg terzi (2/3), u lill-konvenut appellat kwantu ghal terz (1/3) tal-htija, tillikwida d-danni fl-ammont mitlub ta' Lm489.29c u, fl-ahharnett, tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta'

Lm163.09c, bl-interessi mid-data tal-prezentata ta' l-avviz promotorju sal-hlas effettiv.

Il-kap ta' l-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu l-istess proporzjoni tal-htija, jigifieri zewg terzi (2/3) mill-attur appellant u terz (1/3) mil-konvenut appellat.

Dep/Reg

mm